MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2011

Numru. 794/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Margaret Hili mart Michael u bint Francis Attard u MaryAnne nee' Cassar imwielda fil-11 ta' Novembru 1969 u residenti fil-fond Barumbara, Triq ta' Luvier, Munxar, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 26469(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l fuq imsemmija Margaret Hili li giet akkuzata talli fl-iljieli ta' bejn il-5 u s-6 ta' Settembru 2007 u bejn id-09 u l-10 ta' Settembru 2007 fi Triq ta' Cenc, Ghawdex:-

1. bhala persuna li fuq isimha ghandha l-licenzja tal-fond bl-isem Ta’ Cenc Discount Store li jaghmel parti minn block ta’ bini bl-isem Humanite Court fi Triq ta’ Cenc, Sannat, ippermettiet li jsiru hsejjes bil-lejl minn muturi jew accessorji ohra ghal uzu ta’ l-istess Ta’ Cenc Discount Store li jinstabu fuq il-bejt ta’l-imsemmi blokk hawn imsemmi, liema hsejjes kienu jiksru l-mistrieh tar-residenti fl-istess blokk Raymond Spiteri u Yolanda Sofie Corrad.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-imputata tiggestixxi attivita kummercjali u cioe’ supermarket minn blokk bini li jifforma parti minnu l-appartament fejn jirrisjedi l-parti leza Raymond Spiteri. Illi dana Raymond Spiteri ghamel diversi rapporti fejn ilmenta minn storbju gej minn muturi, kumpressuri esterni ta’ air conditioning units, freezers u extractor fans.

Illi mir-rapport tal-Perit Valerio Schembri nominat minn dina l-Qorti sabiex jistabbilixxi l-livell tal-hsejjes li jistghu jinholqu mill-gestjoni ta’ dina l-attivita, jirrizulta illi l-livell tal-hsejjes li gej mill gestjoni ta’ dina l-attivita kummercjali huwa tant illi jeccedi dawk ammissibbli rakkomandati minn standards stabbiliti ghal spazji tal-qies tar-residenza ta’ Spiteri u dana meta t-twieqi jkunu maghluqin, kif ukoll jeccedi fil-kuritur biss tal-appartament meta t-twieqi jkunu miftuhin. Fil-fatt l-istess Perit fil-konkluzjonijiet tieghu isostni:

“Mill-fatti kollha li gew a konjizzjoni ta’ l-esponent, u mill-kostatazzjonijiet li saru fuq il-post mertu tal-kawza jidher illi qed isiru hsejjes ta’ livelli mhux permissibbli minn muturi jew accessorji ohra uzati minn Ta’ Cenc Discount Store.”

Illi kif gie deciz mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Fortun Fava il-Qorti ghalkemm kienet qed taghmel referenza ghal disposizzjonijeit ohra tal-ligi penali dwar sikkatur stqarret: "L-inkonvenjent li jrid jirrizulta ma hux xi haga oggettivament rilevabbli bi strumenti u kalkoli tal-fizika, izda ghandu jirrizulta mid-deposizzjoni jew deposizzjonijiet ta' min ikun qed ibati minn dak l-inkonvenjent. Dak il-hoss li ghall-espert jista' jkun hoss fi grad minimu, ghal haddiehor u specjalment jekk jikkonkorru certi cirkostanzi bhal, per ezempju, mard, jista' jkun inkonvenjent enormi. Hu dejjem imholli fil-gudizzju prudenti tal-gudikant li jivvaluta c-cirkostanzi u l-provi kollha biex jara jekk fil-kaz konkret kienx hemm l-inkonvenjent li qed jipprova jipprevjeni l-legislatur bid-disposizzjonijiet in dizamina."

Illi mix-xhieda ta' Raymond Spiteri jidher illi l-hsejjes jinstemghu kemm matul il-gurnata kif ukoll bil-lejl. Huwa jiddeskrivi l-hoss bhal dak ta' ajruplan. Kwindi l-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju illi l-imputata qed tohloq inkonvenjent ghall-girien taghha minhabba l-apparat li hija ghandha fis-supermarket taghha. Prova ta' dan hemm mhux biss ix-xhieda ta' Spiteri stess, izda r-rapport tal-Perit Valerio Schembri li kejjel il-livell tal-hoss.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat Regolament 13, 02.4 tat-Tieni Skeda tal-Avviz Legali 1 tal-2006 u l-artikolu 18 tal-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha ammenda ta' €116.47.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lil hatja thallas is-somma ta' €379.08 bhala spejjez peritali lir-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------